MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Numru. 20/2004

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

- vs -

JOSEPH ATTARD

Il-Qorti;

Rat li l-imputat JOSEPH ATTARD ta’ 30 sena bin il-mejjet Joseph u Evelyn nee` Attard imwieled Attard, Malta fis-26 t’ April 1972 u li joqghod Nru 8, ‘Last’, Triq il-Grecja, Naxxar, Malta (Detentur tal-Karta ta’ l-Identita` Numru 237772 M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-18 ta’ Marzu 2003 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijet ta’ Malta meta ma kienx fil-pusses ta’

awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dan ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 24 ta' Marzu, 2004, liema kunsens jinsab esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala Dokument 'CSH' sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezamiji li sarlu ai termini ta' l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar il-21 ta' Lulju , 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi;

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-21 ta' Lulju, 2004;

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti ta' l-imputat, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu;

Il-Qorti rat ukoll l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar it-18 ta' Marzu 2003, liema stqarrija tinsab esebita f'dawn l-atti u mmarkata bhala Dokument 'CSH3' u mill-ezami ta' l-istess jirrizulta l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-pussess ta' din id-droga erojina fil-pussess tieghu u dana fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri;

Ghaldaqsant f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti qieset il-Fedina Penali ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat registrata fl-ewwel opportunita` moghtija lilu f'dawn l-atti u l-kollaborazzjoni ta' l-imputat mall-Prosekuzzjoni kif jirrizulta mill-ezami ta' l-istqarrija;

Tiddeciedi billi wara li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif adebitata fil-konfront tieghu tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200);

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti ai termini ta' l-artikou 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta rat illi f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda perit nominat f'din il-kumpilazzjoni u ghaldaqstant tichad tali talba.

Il-Qorti qieghda tinnomina lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jirtira minn dawn l-atti id-dokument esebit mill-prosekuzzjoni u cioe` Dokument 'CSH4' u tordna d-distruzzjoni tieghu;

Ai termini ta' l-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed takkorda zmien erba xhur sabiex il-multa nflitta llum tigi mhallsa mill-imputat b'dan illi jkun hemm erba pagamenti mensili u konsekutivi ta' hamsin lira Maltin (Lm50), l-ewwel pagament dovut sa mhux aktar tard mit-30 ta' Lulju 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------